**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Gunju 2022**

Rikors Numru: 38/22 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 1926/1993)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti żżewgu nhar id-disgħa t'Ottubru tas-sena elf disgħa mija u tlieta u disgħin (09/10/1993) u dan hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieg hawn anness u mmarkat bħala Dok A;

2. Illi minn dan ż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġ ulied, E D u F D , illum it-tnejn maġġorenni;

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali tagħhom permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-nutar Dr Patricia Vella Haber, datat tmintax ta' Settembru tas sena elfejn u ħmistax (18/09/2015) hawn anness u mmarkat bħala Dok B;

4. Illi l-partijiet ilhom għalhekk aktar minn erba' snin separati legalment u ilhom separati de facto mis-sena elfejn u tnax (2012);

5. Illi r-rikorrenti ma tara li hemm l-ebda prospett raġonevoli illi l-partijiet jistgħu jirrikonċiljaw;

6. Illi m'hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet u fil-konfront tal-ulied.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

1. Tiddikjara illi ż-żwieg ta' bejnha u bejn l-intimat huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha wiegeb :

1. Illi l-intimat jirreferi ghall-fatti u dokumenti kif edotti fir-rikors mahluf promotur tar-rikorrenti u jhaddanhom daqslikieku tieghu;
2. Illi l-intimat jikkonferma li ma ghandux izjed provi xi jressaq;

Ghaldaqshekk, wiegeb l-intimat ghar-rikors mahluf promotur tar-rikorrenti illi ma hux jikkontesta t-talbiet minnha dedotti u din il-kawza ghandha tibqa’ minghajr taxxa bejn il-partijiet;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Frar, 2022;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-tmintax ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (18/10/2015);

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.